VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,554, 5 ta' April, 2016
Taqsima B

A.L. 113 tal-2016

ATT DWAR SERVIZZI TA' INVESTIMENT (KAP. 370)

Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi skond l-Att dwar Servizzi ta' Investiment

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, il-Ministru tal-Finanzi, li jaġixxi bil-parir tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi skont l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Assi skont l-Att dwar Servizzi ta' Investiment, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 370.05.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-Regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok in-nota marġinali tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:

"Titolu u skop.";

(b) ir-regolament preżenti għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subregolament (1) tiegħu; u

(ċ) minnufih wara s-subregolament (1) tiegħu, kif enumerat mill-ġdid, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Dawn ir-regolamenti m'għandhomx japplikaw lill-kustodji ta' skemi ta' investiment kollettiv, li għandhom jiġu regolati bir-Regolamenti tal-2016 dwar Kustodji ta' Skemi ta' Investiment Kollettivi skont l-Att dwar Servizzi ta' Investiment.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. (1) Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (2) tiegħu -

(i) it-tifsira " "fond ta' investiment alternattiv" jew "AIF" " għandha tiġi mħassra;

(ii) it-tifsira "kustodju" għandha tiġi mħassra;

(iii) fit-tifsira "klijent", il-kliem "jew skema" għandhom jiġu mħassra;

(iv) it-tifsira "*manager*" għandha tiġi mħassra;

(v) it-tifsira "skema" għandha tiġi mħassra; u

(vi) fit-tifsira "persuna suġġetta", minflok il-kliem "u tinkludi kustodju." għandhom jidħlu l-kliem "iżda m'għandhiex tinkludi persuna li jkollha fil-pussess tagħha liċenza ta' servizzi ta' investiment ta' Kategorija 4(a) jew ta' Kategorija 4(b) sew bħala liċenza unika sew jekk din tkun flimkien ma' xi liċenza ta' servizzi ta' investiment oħra.";

(b) Is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara s-subregolament (6) tar-regolament 9, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Għall-għanijiet ta' dan ir-regolament, "kumpannija minn grupp" dwar persuna suġġetta tfisser kull korp ġuridiku li jkun is-sussidjarju jew *parent* tal-persuna suġġetta jew is-sussidjarju tal-kumpannija *parent* tal-persuna suġġetta, u l-frażijiet "*parent*" u "sussidjarju" għandhom jiftiehmu skont ma hemm fl-artikolu 2(2) tal-Att dwar il-Kumpanniji.".

Jirrevoka t-Taqsimiet 4 sa 6 tar-regolamenti prinċipali.

5. It-Taqsimiet 4 sa 6 tar-regolamenti prinċipali huma b'dan revokati.